

Brussell, 13 ta' Frar 2019
(OR. en)

6352/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0018(NLE)**

**AELE 18
EEE 11
N 13
ISL 11
FL 15
EF 61
ECOFIN 156**

PROPOSTA

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Frar 2019

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2019) 39 final

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi
adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar
emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE. [Ir-
Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-
Direttiva 2013/36/UE (CRD IV)]

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 39 final.

Mehmuż: COM(2019) 39 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2019
COM(2019) 39 final

2019/0018 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.**

**[Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-Direttiva
2013/36/UE (CRD IV)]**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE sabiex jinkorpora r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE¹ fil-Ftehim ŻEE.

L-adattamenti li jidhru fl-abbozzi tad-Deċiżjoni annessa tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jmorru lil hinn minn dak li jista' jitqies bħala sempliċement adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha għalhekk tiġi stabbilita mill-Kunsill.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jestendi l-politika diġà eżistenti tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda, u l-Liechtenstein).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni tiegħu fil-Ftehim ŻEE issir f'konformità mal-oġettivi u l-prinċipji ta' dan il-Ftehim li huma maħsuba għall-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġena, ibbażata fuq regoli komuni u kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni li se tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Is-SEAE flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni jibgħat l-abbozz tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Is-SEAE jittama li jkun fil-qagħda li jippreżentahom fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 68 u ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6. Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif rettifikata minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73.

L-objettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess tal-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jsir f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li tiegħed.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Ftehim ŻEE. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjonijiet baġitarji mistennija bħala riżultat tal-inkorporazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq fil-Ftehim ŻEE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettal tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Valutazzjoni prudenzjali ta' akkwirenti proposti mhux residenti (Dikjarazzjoni konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt) b'rabta mad-Direttiva 2013/36/UE

Il-Ftehim ŻEE, fil-prinċipju mhuwiex maħsub biex jirregola r-relazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti ma' pajjiżi terzi (ara partikolarment is-16-il premessa tal-Preambolu tal-Ftehim ŻEE). Il-Ftehim ŻEE ma tipprevedix il-liberalizzazzjoni tal-flussi tal-kapital jew jagħti drittijiet fir-rigward tal-libertà tal-istabbiliment jew il-parteciġazzjoni fil-kapital ta' ditti fir-rigward ta' dawk li mhumiex residenti (ara l-Artikoli 31 u 34, 40 u 124 taż-ŻEE).

Id-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt konsegwentement tiddikjara li l-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehim li l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE fil-Ftehim ŻEE hija mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' applikazzjoni ġenerali li jirrigwardaw l-iskrinjar għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' investment dirett barrani.

Eżenzjoni ta' ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliku tal-Iżlanda (l-adattament (e) b'rabta mad-Direttiva 2013/36/UE)

L-Artikolu 2(5) tas-CRD IV jeżenta ċerti istituzzjonijiet pubbliċi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Skont din id-dispożizzjoni tliet istituzzjonijiet Iżlandiżi għandhom jiġu eżentati mis-CRD IV.

Bygðastofnun (l-Istitut għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Iżlanda) huwa istituzzjoni indipendenti, proprjetà tal-istat Iżlandiż. Il-funzjoni ewlenija tiegħu huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji reġjonali tal-gvern. L-operazzjonijiet tiegħu għandhom l-għan li jsaħħu l-insedjamenti f'żoni rurali permezz tal-appoġġ ta' proġetti vijabbli u fit-tul abbażi ta' bażijiet ekonomiċi differenti. L-Istitut jappoġġja u jsaħħaħ l-iżvilupp lokali permezz tal-forniment ta' kreditu u forom oħra ta' appoġġ finanzjarju, bl-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tal-għajxien, b'mod partikolari dawk ir-reġjuni mhedda mid-depopolazzjoni. L-Istitut jipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali permezz ta' self b'kundizzjonijiet għal kumpaniji, l-individwi u l-muniċipalitajiet li jippermetti l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ekonomiku ġenerali u jstimula l-innovazzjoni. L-obbligi tal-Istitut huma ggarantiti mill-istat tal-Iżlanda. *Íbúðalánasjóður* huwa s-suċċessur ta' *Byggingarsjóðir ríkisins*, li kien eżentat mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/48/KE, skont il-punt 14 (a) tal-Anness IX taż-ŻEE.

Lánasjóður sveitarfélaga ohf. hija istituzzjoni ta' kreditu bi skop speċjali. Is-sjieda tal-istitutzzjoni huwa ristrett bil-liġi għall-muniċipalitajiet (bħalissa 75 muniċipalitá jikkondividu s-sjieda). L-iskop tal-istitutzzjoni huwa limitat bil-liġi biex jipprovdi kreditu għall-muniċipalitajiet u l-istitutzzjonijiet bi sjieda unika, u fir-rigward ta' investimenti li għandhom firxa wiesgħa ta' tifsira ekonomika biss. L-istitutzzjoni hija analoga għal *KommuneKredit* fid-Danimarka, li hija eżentata mis-CRD IV skont il-punt 5 tal-Artikolu 2(5).

Trattament nazzjonali għal ferġat ta' pajjiżi terzi u koperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi (l-adattamenti (g) u (h) b'rabta mad-Direttiva 2013/36/UE)

Skont l-Artikolu 47(3) tas-CRD IV, l-Unjoni tingħata l-kompetenza biex tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jippermettu trattament ugwali lill-ferġat tal-istitutzzjonijiet ta' kreditu tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

Fil-kuntest taż-ŻEE, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-Ftehim ŻEE, fil-prinċipju mhuwiex maħsub biex jirregola r-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi (ara partikolarment is-16-il premessa tal-Preambolu għall-Ftehim ŻEE). Billi jinkorporaw is-CRD IV fil-Ftehim ŻEE, l-Istati tal-EFTA ma jitransferixxux kwalunkwe kompetenza lill-Unjoni f'dak li jirrigwarda n-negozjati għall-aċċess tas-suq għal ferġat tal-pajjiżi terzi. L-adattament (g) għalhekk jeżenta l-Artikolu 47(3) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, u jispeċifika li l-Istati tal-EFTA jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi rigward l-aċċess għas-suq għal ferġat.

Madankollu, sabiex jipromwovi l-konverġenza f'politika ta' pajjiżi terzi bejn l-Unjoni u l-Istati tal-EFTA, l-adattament (g) jistipula wkoll li l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jinfurmaw u jikkonsultaw lil xulxin dwar in-negozjati ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

L-adattament (g) huwa mmudellat fuq soluzzjonijiet maqbula bejn l-Unjoni u l-Istati tal-EFTA skont ir-reġimi ta' Solvibbiltà II u l-MiFID (ara l-punt 1(d) u (e) u l-punt 31ba(b) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE).

L-Artikolu 48 tas-CRD IV jinkludi r-regoli tal-konklużjoni tal-ftehimiet superviżorji fuq bażi konsolidata bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet iridu jipprevedu l-possibbiltá għal superviżuri ta' pajjiżi terzi biex jiksibu informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti jew settorjali nazzjonali tal-UE (national competent authorities, NCAs) u l-Awtoritá Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA) biex jiġbru l-informazzjoni li tkun waslet għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE minn awtoritajiet ta' sorveljanza ta' pajjiżi

terzi. Peress li l-Unjoni Ewropea ma tistax tikkonkludi ftehimiet li jikkommettu lill-NCAs tal-EFTA biex jgħaddu informazzjoni lil awtoritajiet ta' sorveljanza ta' pajjiżi terzi, l-adattament (h) jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tas-CRD IV (bl-istess mod għas-soluzzjoni miftiehma fir-rigward tal-Artikolu 75(2) u (3) EMIR, ara l-punt 31bc(zc) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE).

Sabiex jiġi permess it-trasferiment ta' informazzjoni li tkun waslet għand l-NCAs tal-EFTA minn awtoritajiet ta' sorveljanza ta' pajjiżi terzi lill-EBA, meta dan ikun meħtieġ sabiex jitwettqu l-kompiti tekniċi tal-EBA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-adattament (h) jipprevedi wkoll li l-Istati tal-EFTA jagħmlu hilitom biex jinkludu klawnsoli fil-ftehimiet ta' sorveljanza li jippermettu lill-NCAs tagħhom biex jgħaddu informazzjoni rilevanti lill-EBA.

Riżerva ta' leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni (l-adattamenti (k) u (o) b'rabta mad-Direttiva 2013/36/UE)

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE, l-atti li ġew inkorporati fil-Ftehim ŻEE biss huma vinkolanti għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE. Għalhekk, l-adattament (k) jallinja t-test tal-Artikolu 89(5) tas-CRD IV biex jirrifletti li, fil-kuntest taż-ŻEE, l-Artikolu 89 għandu jieqaf japplika biss meta leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni rigward l-obbligi tad-divulgazzjoni ssir applikabbli fiż-ŻEE.

Bl-istess mod, l-adattament (o) jaġġusta t-test tal-Artikolu 151(1) biex jirrifletti li l-miżuri tranżizzjonali li jinsabu fil-Kapitolu 1 tat-Titolu XI tas-CRD IV japplikaw biss sakemm Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora l-att delegat adottat skont l-Artikolu 460 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 issir applikabbli.

Kompetenza biex jiġu awtorizzati riżervi ta' kapital għal riskju sistemiku (l-adattament (n) b'rabta mad-Direttiva 2013/36/UE)

Skont l-Artikolu 133(14) tas-CRD IV, f'ċerti każijiet l-NCAs iridu jistennew l-opinjoni tal-Kummissjoni qabel ma jiġu adottati l-miżuri li jiffissaw jew jimmodifikaw riżervi ta' kapital għal riskju sistemiku. Meta l-opinjoni tkun negattiva, dawn l-NCAs għandhom jew jikkonformaw mal-opinjoni, jew jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jkunux għamlu dan.

Skont l-Artikolu 133(15) tas-CRD IV, meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li r-riżerva għal riskju sistemiku ma jnvolvix effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja ta' Stati Membri oħra jew tal-Unjoni u abbażi ta' opinjoni mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jawtorizza lill-NCA tadotta r-riżerva għal riskju sistemiku. L-EBA tista' tissottometti wkoll opinjoni lill-Kummissjoni.

Skont it-twaqqif tas-sistema il-punti 31f u 31g tal-Anness IX taż-ŻEE, il-BERS u l-EBA jistgħu joħorġu rakkomandazzjonijiet dwar sitwazzjonijiet li jseħħu fl-Istati tal-EFTA, u l-EBA tista' twettaq ukoll medjazzjoni mhux vinkolanti skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-EBA f'diżgwid li jnvolvi Stat tal-EFTA. Il-kompetenza li jiġu adottati deċiżjonijiet vinkolanti fil-pilastru tal-EFTA skont l-Artikolu 19 tal-EBA hija f'idejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Madankollu, skont il-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE, il-funzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċeduri għal verifika jew approvazzjoni tal-konformità ta' azzjonijiet meħuda mill-Istati tal-EFTA mar-regoli li jinsabu fil-Ftehim ŻEE jridu jsiru minn entità fil-pilastru tal-EFTA. Meta jitqiesu l-importanza u l-komplessità ta' deċiżjonijiet rigward ir-riżervi għal riskju sistemiku, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, din il-kompetenza għandha tkun f'idejn il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA.

L-adattament (n) għalhekk jistabbilixxi l-kompetenza tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA rigward il-ħruġ ta' opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għal raġunijiet ta' ċarezza (minħabba li dawn is-setgħat mhumiex allokatu b'mod ċar fit-test tal-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE), filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-BERS u l-EBA jenħtieġ li jikkomunikaw il-valutazzjonijiet tagħhom skont il-paragrafu 14 u 15 tal-Artikolu 133 tas-CRD IV, fejn rilevanti, lil dak il-Kumitat Permanenti.

Definizzjoni ta' "proprjetà residenzjali" fin-Norveġja (l-adattament (e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013)

Koperattivi ta' binjiet residenzjali huma arranġamenti ta' abitazzjoni komuni fin-Norveġja. L-azzjonisti jakkwistaw sehem f'koperattiva li għandha s-sjeda jew tikkontrolla l-binja (binjiet) u l-proprjetà li jgħixu fihom. Kull azzjonist ikun intitolat li jokkupa unità ta' abitazzjoni speċifika.

Protezzjoni ta' kreditur marbuta ma' appartamenti f'koperattiva residenzjali fin-Norveġja hija ġeneralment interpretata bħala ekwivalenti għal parteċipazzjoni diretta. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li d-dritt li wieħed jgħix f'appartament f'koperattivi residenzjali fin-Norveġja ikun inkluż fid-definizzjoni ta' "proprjetà immobbli residenzjali" fis-CRR. Għalhekk, l-adattament (e) jaġġusta t-test tal-Artikolu 4(1)(75) li jikkonċerna l-Iżvezja, li jinkludu s-sitwazzjoni Norveġiża.

Kompetenza tal-Kummissjoni li taċċetta limiti għal skoperturi kbar, u tal-Kunsill li jawtorizza miżuri nazzjonali aktar stretti f'każ ta' riskju makroprudenzjali jew sistemiku (l-adattamenti (i) u (j) b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 575/2013)

Skont l-Artikolu 395 tas-CRR, f'ċerti każijiet l-NCAs iridu jiksbu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma jadottaw il-miżuri strutturali li jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'dak l-Istat Membru li jnaqqsu l-iskoperturi tagħhom għal entitajiet legali differenti. Abbażi ta' opinjoni mill-EBA, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta miżura nazzjonali biss meta din tinvolvi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni.

Skont l-Artikolu 458 tas-CRR, f'ċerti każijiet l-Istati Membri jridu jkunu awtorizzati mill-Kunsill qabel ma jadottaw ċerti miżuri nazzjonali aktar stretti mmirati biex jikkontrobattu r-riskju makroprudenzjali u sistemiku ta' konsegwenza għas-sistema finanzjarja nazzjonali u l-ekonomija reali. Il-Kummissjoni hija fdata biex tipproponi abbozz ta' miżura lill-Kunsill biex tawtorizza jew tiċħad il-miżura nazzjonali. Il-Kunsill għandu jirrifjuta l-miżuri nazzjonali biss f'numru limitat ta' ċirkostanzi, b'kunsiderazzjoni għall-opinjonijiet mill-BERS u l-EBA. Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu l-miżuri nazzjonali adottati skont l-Artikolu 458 tas-CRR u japplikawhom għal ferġat li jinsabu għewwa l-Istat Membru awtorizzat.

Fl-ambitu tas-sistema stabbilita mill-punti 31f u 31g tal-Anness IX taż-ŻEE, il-BERS u l-EBA jistgħu joħorġu opinjonijiet dwar is-sitwazzjonijiet li jseħħu fl-Istati tal-EFTA.

Madankollu, skont il-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 għall-Ftehim ŻEE, il-funzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċeduri għal verifika jew approvazzjoni tal-konformità ta' azzjonijiet meħuda mill-Istati tal-EFTA mar-regoli li jinsabu fil-Ftehim ŻEE jridu jsiru minn entità fil-pilastru tal-EFTA. Meta jitqiesu l-importanza u l-komplessità ta' deċiżjonijiet rigward miżuri strutturali li jillimitaw skoperturi kbar skont l-Artikolu 395, din il-kompetenza għandha, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, tkun f'idejn il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA.

Bl-istess mod, il-funzjonijiet mogħtija lill-Kunsill skont l-Artikolu 458 tas-CRR għandhom jiġu eżerċitati, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA.

Madankollu, din id-deċiżjoni għandha tiġi bbażata fuq proposta mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li tirrifletti l-qafas applikabbli fl-UE.

Għall-finijiet ta' ċarezza, l-adattamenti (i) (ii) u (j) (ii) għalhekk jistabbilixxu l-kompetenza tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA biex jieħu tali deċiżjonijiet (peress li dawn isetgħat ma jkunux allokati b'mod ċar, fil-pilastru tal-EFTA, mill-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE), filwaqt li jiżguraw ukoll li l-EBA u, fejn ikun rilevanti, il-BERS, jenħtieġ li jikkomunikaw il-valutazzjonijiet tagħhom skont l-Artikoli 395(8) jew 458(4) tas-CRR lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA (l-adattamenti (i)(iii) u (j)(iii)).

Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fuq ir-rekwiżit minimu ta' Basel I (il-premessa 6 tal-preambolu b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 575/2013)

L-Artikolu 500 tas-CRR jimplimenta l-hekk imsejjaħ "rekwiżit minimu ta' Basel I", li ġie stabbilit fil-parti 2-1-C (il-paragrafi 45 sa 47) tal-Ftehim ta' Basel II. L-Artikolu skada fi tmiem l-2017. L-Artikolu 152 tad-Direttiva 2006/48/KE, li tkompla fl-Artikolu 500 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, illimita l-potenzjal għal tnaqqis mhux ġustifikat f'fondi proprji mill-użu ta' mudelli interni. Anki jekk l-Artikolu 500 ikun skada, l-awtorità kompetenti xorta trid tindirizza r-riskju tal-mudell.

Kif jittfakkar fil-premessa 6 tal-preambolu, il-qafas jinkludi diversi dispożizzjonijiet li jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw l-istess kwistjoni, inkluż permezz ta' miżuri biex jilqgħu kontra t-tnaqqis mhux ġustifikat tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju u li jimponu marġnijiet prudenti ta' konservatiżmu fil-kalibrazzjoni ta' mudelli interni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

[Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-Direttiva 2013/36/UE (CRD IV)]

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,² u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċizzjoni mehmuż,

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1), kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 68, ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 2.

⁵ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338), kif rettifikata minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*